MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1948/2004

**Standard Publications Limited C-13777**

**Vs**

**Ryan Mallia K.I. 483472(M) ezercenti l-kummerc bl-isem**
**Mallia Borg Jewellers u b'digriet tat-Tribunal tat-18 ta' Marzu, 2005 gie kjamat in kawza John Mallia Borg**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf u hamsa w erbghin lira Maltin (Lm1,045) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici u dana fl-2002, fuq ordni tal-konvenut stess, skond fatturi numru 42782 datata l-31 ta' Mejju 2002, numru 43001 datata s-16 ta' Gunju 2002, numru

43639 datata l-31 ta' Lulju 2002 u numru 44041 datata l-31 t'Awissu 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittri Legali datati t-13 ta' Novembru 2002, l-14 t'Awissu 2003, u t-13 ta' Lulju 2004, u ta' l-Ittra Ufficjali datata s-7 ta' Jannar 2003, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull fattura rispettiva kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li b'digriet tat-Tribunal tat-18 ta' Marzu, 2005 gie kjamat in kawza John Mallia Borg.

Ra n-Nota ta' Ammissjoni pprezentata fl-14 ta' Settembru, 2005 li permezz taghha l-kjamat in kawza John Mallia Borg ammetta t-talbiet attrici.

Ra li fis-seduta tas-26 t'Ottubru, 2005 il-kawza giet ceduta fil-konfront ta' Ryan Mallia.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-kjamat in kawza John Mallia Borg ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u hamsa w erbghin lira Maltin (Lm1,045) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------